Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 333/2013

Seduta ta’ nhar il-Gimgha (29) ta’ Novembru 2013

Rikors Numru 333/13 FDP

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 2026/13 fl-ismijiet

**MarStef and Co Limited 9C 41273) u Stephan u Maria konjugi Schaerrer, detenturi tal-passaport Amerikan bin-numru 429725172 u tal-passaport Malti 735553 rispettivament**

**vs**

**Mario Grixti (ID 204864M) u Dolores Vella Grixti (ID 251062M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fit-22 ta' Ottubru 2013 minn Dolores Vella Grixti fejn intavolat il-proceduri odjerni a tenur ta' l-artikolu 836 (1) (b), (d) u (f) tal-Kap 12 sabiex tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fil-konfront taghha.

Ir-rikorrenti sahqet illi l-pretensjoni tas-sekwestranti ma hijiex wahda cara fil-konfront taghha peress illi m'hemmx dubju li minn naha taghha qatt ma kellhom relazzjoni maghha l-persuni illi hargu l-mandat, ossija l-intimati fil-proceduri odjerni u ghalhekk il-pretensjoni tal-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fil-konfront taghha m'huwiex gustifikat.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fil 31 ta' Ottubru 2013 fejn stqarr illi l-Mandat ta' Sekwestru inhareg rizultat ta' kawza illi inbdiet mill-istess intimati kontra kemm ir-rikorrenti kif ukoll huha Mario Grixti (Rik nru 266/13 CSH), liema kawza giet notifikata lir-rikorrenti izda mhux lilll huha Mario Grixti, illi huwa irriperibbli.

Stqarrew ukoll illi hu ir-rikorrenti Mario Grixti, kien jippresta s-servizzi ta' propject manager u kien tqabbad mill-intimati sabiex imexxi xoghlijiet mehtiega mill-intimati fil-propjeta taghhom, ghal liema xoghlijiet Mario Grixti kellu jhallas ghal servizzi moghtija minn kuntratturi varji, inkuz kuntratturi minnu proposti, u ghal liema servizzi l-intimati kienu jiddepositaw il-flus f'kont bankarju indikat mill-istess Mario Grixti, sabiex ihallas lill-kuntratturi ghax-xoghol maghmul.

Stqarrew ukoll illi l-flejjes minnhom mghoddija lill Mario Grixti, gew depositati f'kont mghoti lilhom mill-istess Mario Grixti, liema kont kien attwalment tar-rikorrenti Dolores Vella Grixti. Ghalhekk, it-talba tar-rikorrenti ma kellhiex tintlaqa.

Semghet lill **Dolores Vella Grixti** tixhed in ezami u kontro ezami fit 22 ta' Novembru 2013.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara iddifferiet ir-rikors ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimati kienu qabbdu lill-Mario Grixti, hu ir-rikorrenti Dolores Vella Grixti, sabiex jiehu hsieb xi xoghlijleit f'propjeta taghhom,bhala project manager. Ghal tali ghan, huma ghaddewlu flus f'kont bankarju indikat mill-istess Mario Grixti, sabiex ikun jista ihallas lill haddiema, liema kont kien ta' ohtu, jigifieri ir-rikorrenti Dolores Vella Grixti.

Illi, mix-xhieda tar-rikorrenti Dolores Vella Grixti, jirrizulta illi huha kellu l-kontijiet bankarji tieghu mizmuma u ghalhekk kien talabha sabiex taghtih in-numru tal-kont taghha peress illi kellu jircievi xi flus. Jirrizulta illi hija ghaddietlu in-numru tal-kont taghha u ircieva tlett pagamenti differenti minghand l-intimati. Fuq talba ta' huha, imbghad, hija zbankat il-flejjes hemm iddepositati fil-kont taghha u ghaddiethom in kontanti lill-huha Mario Grixti.

Hi stqarret illi ma kienetx taf dawna l-flus ta' xiex kienu u hija ilha ma tikkomunika ma' huha recentement.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta mhux ikkontestat illi l-intimati intavolaw proceduri kontra kemm Mario Grixti kif ukoll Dolores Vella Grixti, liema proceduri dina l-Qorti ma hijiex a konoxxenza taghhom izda li jidher li gew intavolati kontestwalment mal-prezzentata tal-Mandat ta' Sekwestru odjern.

Illi ghalhekk jidher li l-meritu ghaliex l-intimati ipprocedew kontra r-rikorrenti huma meritu ta' kawza li ghad trid tinstema, u ghalhekk il-meritu ghaliex tali flejjes inghataw lir-rikorrenti ghandu jigi deciz minn Qorti ohra illi quddiemha ghandha l-kawza 266/13 CSH.

Illi r-rikorrenti ibbazat l-azzjoni taghha fuq tlett provvedimenti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 836, ossija s-segwenti:-

(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Mid-dokumentazzjoni esebita, jidher illi l-htigijiet kollha tal-ligi ghal hrug ta' att kawtelatorju gew osservati, u ghalhekk revoka abbazi tal-artiklu 836 (1) (b) ma jirrizultax.

Il-fatt illi inbdiet kawza kontra l-istess Dolores Vella Grixti mill-intimati hija bizzejjed sabiex, prima facie, il-Qorti tikkonkludi li l-ammont mitlub huwa prima facie gustifikat u mhux eccessibbli, peress illi huwa meritu ta' kawza mibdija, u ghalhekk revoka abbazi tal-artiklu 836 (1) (d) ma jirrizultax

Fl-ahhar nett, il-fatt illi l-flejjes gew depositati, fi tlett pagamenti separati, fil-kont tar-rikorrenti mill-intimati hija cirkostanzi ragonevoli bizzejjed sabiex l-intimati jottejnu l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kontra ir-rikorrenti u li dana jinzamm fis-sehh sakemm il-meritu tal-kawza tigi finalment deciza, u ghalhekk revoka abbazi tal-artiklu 836 (1) (f) ma jirrizultax

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Ghalhekk, wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tichad ir-rikors tar-rikorrenti Dolores Vella Grixti.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------